**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**S.T.O. Prim Imħallef Dr Joseph Azzopardi LL.D. - President**

**Onor. Imħallef Dr Joseph Zammit McKeon LL.D.**

**Onor. Imħallef Dr Edwina Grima LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 31 ta' Ottubru 2018**

**Att ta' l-Akkuza numru 16/2012**

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**vs**

**Kenneth Ellul**

**Il-Qorti** :

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fit-28 ta' Gunju 2012 kontra Kenneth Ellul li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali wara li ippremetta :

Fl-**Ewwel Kap**, illi fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu, il-Professur Anthony Zammit safa vittma ta' serqa waqt li kien qieghed fil-kamra tas-sodda tar-residenza tieghu gewwa Haz-Zebbug.

Illi dak il-hin li l-professur Anthony Zammit kien ghadu kif dahal jorqod meta dahlu fuqu tlieta minn nies, mghammda u armati b'senter u b'pistola.

Illi huma dahlu mill-bieb principali tar-residenza tieghu wara li marru fuq il-post permezz ta' vettura ta ghamla Kia Avella bin-numru tar-registrazzjoni CAK848 liema karozza kienet giet misruqa ghaxart ijiem qabel dan l-incident.

Illi b'intenzjoni biex jisraq l-akkuzat u shabu dahlu fil-kamra tas-sodda tal-professur Anthony Zammit, hatfuh, rabtuh, hedduh, sawtuh u kkmandawh biex jghatihom il-flus.

Illi fil-fatt b'din l-istess intenzjoni ta' serq, mid-dar tieghu l-akkuzat u shabu l-malviventi irnexxielhom jiehdu diversi oggetti ta' valur u flus kontanti li komplessivament il-valur totali taghhom jaqbez l'elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin centezmu (€2329.37).

Illi bid-daqqiet li qala`, l-professur Anthony Zammit sofra ksur fl-ghadam ta' wiccu kif ukoll diversi griehi ohra madwar gismu.

Illi minn l-investigazzjonijiet li ghamlu l-pulizija irrizulta li wieħed mill-ħallelin involuti kien l-akkuzat Kenneth Ellul.

Illi b'għemilu l-akkuzat Kenneth Ellul sar ħati ta' serq ta' diversi oggetti u flus kontanti tal-valur li jeccedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin centezmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (maghmad u b'uzu ta' cwievet foloz), bil-valur (jeccedi mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin centezmu - €232.94), bil-vjolenza (uzu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti gravi, iktar minn zewg persuni, thedid ta' mewt), bil-lok (residenza); bil-hin (bil-lejl).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkuzat instab ħati ta' diversi delitti.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lil Kenneth Ellul recidiv f'delitt u ħati ta' serq ta' flus u oggetti tal-valur li jeccedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin centezmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (maghmad u b'uzu ta' cwievet foloz), bil-valur (jeccedi mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin centezmu - €232.94), bil-vjolenza (uzu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti gravi, iktar minn zewg persuni, thedid ta' mewt), bil-lok (residenza); bil-hin (bil-lejl); jitlob li jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat għall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn hames (5) snin u mhux izjed minn tlettin (30) sena skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(a),(b),(c),(e),(f), 262(1)(a),(b),(2), 263(a),(b), 265, 267, 269(g), 270, 274(b), 275, 277(b), 279(b), 280(2), 49, 50, 289, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skont il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat.

Fit-**Tieni Kap** illi fic-cirkustanzi indikati fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuza u cioe` fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu il-Professur Anthony Zammit gie mahtuf, mhedded bil-mewt, imsawwat, marbut u mizmum kontra r-rieda tiegħu mill-akkuzat Kenneth Ellul flimkien ma' zewg persuni ohra sabiex hu jigi misruq.

Illi l-akkuzat Kenneth Ellul ma' kellu l-ebda dritt jagixxi b'dan il-mod apparti mill-fatt li din l-azzjoni saret għal skopijiet illeciti.

Illi waqt dan l-incident, l-akkuzat Kenneth Ellul għamel diversi offizi fuq il-persuna tal-Professur Anthony Zammit bl-iskop tas-serqa li rnexxielu jezegwixxi fuq il-propjeta' tiegħu.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkuzat instab ħati ta' diversi delitti.

Illi b'għemilu l-imsemmi Kenneth Ellul sar ħati talli, bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi Kenneth Ellul recidivi f'delitt u ħati talli, bla ordni skont il-ligi tal-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra; jitlob li jingħamel skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn hames (5) snin u mhux iktar minn disa' (9) snin prigunerija skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 86, 87(1)(c)(e), 88, 49, 50, 31, u 533 tal-Kodici Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat.

Fit-**Tielet Kap** illi waqt ic-cirkustanzi li rrizultaw fl-ewwel zewg kapi ta' dan l-att tal-Akkuza u cioe' fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu gewwa r-residenza tal-Professur Anthony Zammit l-akkuzat flimkien ma shabu volontarjament uzaw vjolenza fuq il-persuna tal-Professur Anthony Zammit, billi tawh diversi daqqiet bis-senter fuq wiccu kif ukoll diversi daqqiet ohra fuq gismu u dan sabiex igegħluh jghidilhom fejn ghandu l-flus u oggetti ta' valur.

Illi b'rizultat ta' din il-vjolenza, l-Professur Anthony Zammit, gie ccertifikat li kien qieghed ibati minn grieħi ta' natura gravi minhabba ksur fil-wicc.

Illi b'għemilu l-imsemmija akkuzat Kenneth Ellul sar ħati talli, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-persuna ta' Anthony Zammit liema hsara hija ta natura gravi.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkuzat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi Kenneth Ellul, recidiv f'delitt u ħati talli, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna liema hsara hija ta' natura gravi; jitlob li jingħamel skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn seba' (7) xhur u mhux iktar minn hames snin prigunerija skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 216(1)(d), 217, 49, 50, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-ligi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkuzat.

Fir-**Raba' Kap** illi waqt ic-cirkustanzi li rrizultaw fl-ewwel zewg kapi ta' dan l-att tal-Akkuza u cioe' fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu gewwa r-residenza tal-Professur Anthony Zammit l-akkuzat flimkien ma shabu volontarjament uzaw vjolenza fuq il-persuna tal-Professur Anthony Zammit, billi tawh diversi daqqiet bis-senter fuq diversi partijiet ta' gismu u dan sabiex igegħluh jghidilhom fejn ghandu il-flus u oggetti ta' valur.

Illi b'rizultat ta' din il-vjolenza, l-Professur Anthony Zammit gie ccertifikat li kien qieghed ibati minn grieħi ta' natura hafifa.

Illi b'għemilu l-imsemmi akkuzat Kenneth Ellul sar ħati talli, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha tal-persuna ta' Anthony Zammit liema hsara hija ta' natura hafifa.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Maāistrati Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkuzat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi Kenneth Ellul, recidiv f'delitt u ħati talli, kkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna liema hsara hija ta' natura hafifa; jitlob li jingħamel skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat għall-piena ta' mhux inqas minn hames (5) xhur u mhux iktar minn tmintax-il xahar prigunerija skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 214, 215, 221, 217, 49, 50, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-ligi tingħata għall-ħtija tal-imsemmi akkuzat.

Fil-**Hames Kap** illi fic-cirkustanzi li rrizultaw fil-kapi precedenti ta' dan l-Att tal-Akkuza u cioe fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu, il-Professur Anthony Zammit safa aggredit fil-kamra tas-sodda tar-residenza tieghu gewwa Haz-Zebbug mill-akkuzat u zewg persuni ohra.

Illi wiehed minn dawn il-malviventi dak il-hin kien armat b'senter u l-akkuzat Keneth Ellul kien armat b'pistola.

Illi dawn l-armi intuzaw diversi drabi billi gew ippuntati fid-direzzjoni tal-Professur Anthony Zammit sabiex igegħluh jurihom u jagħtihom il-flus li kellu fid-dar tieghu. Ghalhekk fil-mument ta' dan id-delitt, l-akkuzat kellu fuq il-persuna tieghu arma tan-nar, liema arma giet effettivament uzata fil-kommissjoni ta' l-imsemmi delitt volontarju kontra l-Professur Anthony Zammit u dan bl-iskop ta' serqa imsemmija fl-ewwel Kap ta' dan l-Att tal-Akkuza.

Illi b'għemilu l-imsemmi akkuzat Kenneth Ellul sar ħati talli, fil-ħin li kien qed jikkommetti serqa, kellu fuq il-persuna tieghu xi arma tan-nar, arma regolari, imitazzjoni ta' arma tan-nar jew imitazzjoni ta' arma regolari.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkuzat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmija Kenneth Ellul, recidivi f'delitt u ħati talli, fil-ħin li kien qieghed jikkometti serqa kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti; jitlob li jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmija akkuzat u illi huwa jigu kkundannat għall-piena ta' prigunerija għal zmien ta' mhux izjed minn hames (5) snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 55(a) ta' Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 49, 50, 31, 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista skont il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat.

Fis-**Sitt Kap** illi fiz-zmien u fic-cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti ta' dan l-att ta' akkuza, u cioe' fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghall-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu l-akkuzat Kenneth Ellul kien fil-pussess ta' arm tan-nar mingħajr ma' kien debitament licenzjat mill-Kummissarju tal-Pulizija li jkollu tali pussess.

Illi din l-arma l-akkuzat uzaha waqt il-kommissjoni tas-serqa.

Illi b'għemilu l-imsemmi akkuzat Kenneth Ellul sar ħati talli, mingħajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon.

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkuzat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-imsemmi Kenneth Ellul, recidiv f'delitt, ħati talli, mingħajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon; jitlob li jingħamel skont il-Ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat għall-piena ta' prigunerija minn hames xhur sa sitt snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikolu 5(1) u 51(2) ta' Att dwar l-Armi (Kap 480) u l-artikoli 23, 30, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għall kull piena oħra li tista' skont il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat.

Fis-**Seba' Kap** illi fiz-zmien u taht ic-cirkostanzi indikati fil-kapi precedenti tal-Att tal-Akkuza u cioe fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu waqt li l-akkuzat Kenneth Ellul kien qieghed iffittex l-oggetti ta' valur fir-residenza tal-Professur Anthony Zammit bl-intenzjoni biex jisraq volontarjament ghamel hsara billi kisser xi oggetti bhal fajjenza u oggetti ohra ghad-dannu ta' l-istess Professur Anthony Zammit liema hsara tiskorri l-elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69).

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkuzat instab ħati ta' diversi reati.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Kenneth Ellul sar hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli b'dan

li l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69).

Ghaldaqastant l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi jakkuza lill-imsemmi Kenneth Ellul recidiv u hati talli volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan illi l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69); jitlob li jinghamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija min tmintax-il xahar sa hames snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 325(1)(a), 31, 49, 50 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skont il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Fit-**Tmien Kap** illi fl-istess zmien u fic-cirkostanzi msemmija fil-kapi precedenti ta' dan l-att ta' akkuza, u cioe` fil-lejl bejn il-hdax (11) u t-tnax (12) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja (2008) ghal-habta tas-saghtejn u nofs ta' filghodu, l-akkuzat Kenneth Ellul flimkien maz-zewg hallelin ohra uza vettura tal-ghamla Kia Avella bin-numru ta' registrazzjoni CAK 848 sabiex jikkommetti din is-serqa.

Illi din il-vettura kienet karrozza tal-kiri li ghaxart ijiem qabel is-serqa mertu tal-ewwel kap ta' dan l-att tal-akkuza u cioe fl-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja kienet giet irrapuratata nieqsa minn Louis Scicluna ghan-nom tal-kumpanija PTS Rent A Car Limited.

Illi l-vettura in kwistjoni kienet thalliet ipparkeggata u imsakkra fil-lejl ta' bejn il-wiehed u tlettin (31) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmienja u l-ewwel (1) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tmienja minn Jeffrey Farrugia fejn ic-Cervjola Hotel fit-Triq il-Qaliet Marsascala. L-ghada filghodu pero din giet mehuda u misruqa minn l-akkuzat sabiex tintuza fis-serqa li kienet qed tigi ippjanata mir-residenza tal-Professur Anthony Zammit.

Fil-fatt din il-vettura instabet abbandunata quddiem ir-residenza tal-Professur Anthony Zammit gewwa Haz-Zebbug b'ammont konsiderevoli ta' hsara fl- 'steering shaft', fil-bieba u wiehed mill-'mudguard' ta' quddiem. Illi din l-hsara giet maghmula meta giet sgassata il-vettura sabiex tinsteraq.

Illi go fiha instab ukoll is-senter li ntuza fis-serqa.

Illi b'għemilu l-akkuzat Kenneth Ellul sar ħati ta' serq ta' vettura tal-għamla KIA Avella bin-numru ta' registrazzjoni CAK 848, bil-valur li jeccedi l-

ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin centezmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (b'imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaga misruqa (vettura);

Illi b'diversi sentenzi mogħtija mill-Qorti tal-Magistrati Bħala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fl-ismijiet Pulizija vs Kenneth Ellul mogħtija fis-16 ta' Gunju 2004, fil-31 ta' Ottubru 2006 u fit-30 ta' Ottubru 2007, l-imsemmi akkuzat instab ħati ta' diversi reati.

Għaldaqstant l-Avukat Generali, fl-isem fuq imsemmi, jakkuza lill-akkuzat Kenneth Ellul, recidiv f'delitt, ħati ta' serq ta' vettura bil-valur li jeccedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin centezmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaga misruqa (vettura); jitlob li jingħamel skont il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannati għall-piena ta' prigunerija ta' mhux inqas minn tmintax-il xahar u mhux izjed minn disa' snin skont dak li hemm u jintqal fl-artikoli 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 265, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(b), 280(2), 49, 50, 289, 23, 31 u 533 tal-Kodici Kriminali jew għal kull piena oħra li tista' tkun skont il-ligi tingħata għall-ħtija ta' l-imsemmi akkuzat

**2**. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fis-17 ta' Mejju 2014 fejn wara li rat il-verdett tal-gurati ta' dakinhar stess li bih :

**B' seba' voti favur u tnejn kontra sabu lil Kenneth Ellul ħati tal-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza**

**B' seba' voti favur u tnejn kontra, sabu lil Kenneth Ellul hati tal-akkuza taht it-tieni kap tal-akkuza;**

**B' seba' voti favur u tnejn kontra, sabu lil Kenneth Ellul hati tal-akkuza taht it-tielet kap tal-akkuza;**

**B' seba' voti favur u tnejn kontra, sabu lil Kenneth Ellul hati tal-akkuza taht ir-raba' kap tal-akkuza;**

**B' seba' voti favur u tnejn kontra, sabu lil Kenneth Ellul hati tal-akkuza taht il-hames kap tal-akkuza;**

**B' seba' voti favur u tnejn kontra, sabu lil Kenneth Ellul hati tal-akkuza taht is-sitt kap tal-akkuza;**

**B' seba' voti favur u tnejn kontra, sabu lil Kenneth Ellul hati tal-akkuza taht is-seba' kap tal-akkuza;**

**B' seba' voti favur u tnejn kontra, sabu lil Kenneth Ellul hati tal-akkuza taht it-tmien kap tal-akkuza;**

Iddikjarat lil Kenneth Ellul hati talli :

**i. seraq flus u oggetti tal-valur li jeccedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin centezmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (maghmad u b'uzu ta' cwievet foloz), bil-valur (jeccedi mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgħa u disgħin centezmu - €232.94), bil-vjolenza (uzu ta' arma, sekwestru ta' persuna, feriti gravi, iktar minn zewg persuni, thedid ta' mewt), bil-lok (residenza); bil-hin (bil-lejl);**

**ii. bla ordni skont il-ligi ta' l-awtorita` kompetenti arresta, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lil ħati, zamm jew issekwestra lil xi persuna kontra l-volonta` tagħha b'dan li l-persuna arrestata, mizmuma jew issekwestrata giet offiza fuq il-persuna jew mhedda bil-mewt, u liema delitt sar bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra ;**

**iii. ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna liema hsara hija ta' natura gravi;**

**iv. ikkaguna hsara fil-gisem jew fis-sahha ta' persuna liema hsara hija ta' natura hafifa;**

**v. fil-ħin li kien qieghed jikkommetti s-serqa kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti;**

**vi. mingħajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija, zamm f'xi fond jew kellu fil-pussess tieghu, taht il-kontroll tieghu jew garr barra minn xi fond jew fid-dintorni tieghu xi arma tan-nar, jew munizzjon;**

**vii. volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, b'dan illi l-ammont ta' hsara kien ta' aktar minn elf mija u erbgha u sittin Ewro u disgha u sittin centezmu (€1164.69);**

**viii. seraq vettura bil-valur li jeccedi l-ammont ta' elfejn tlett mija disgħa u għoxrin Euro punt sebgħa u tletin centezmu (€2329.37) liema serq hu kkwalifikat bil-mezz (imfietaħ foloz), bil-valur, bil-ħin (fil-ħinijiet ta' bil-lejl) u bix-xorta tal-ħaga misruqa (vettura);**

**3**. Rat illi l-Qorti Kriminali, wara li rat l-artikoli 17(b), 17(h), 261(a),(b),(c),(e),(f),(g), 262(1)(a)(b),(2), 263(a)(b), 265, 267, 269(g), 270, 274(b), 275, 277(b), 279(b), 280(2), 49, 50, 289, 23, 31, 86, 87(1)(c)(e), 88, 214, 215, 216(1)(d), 217, 221, 325(1)(a), 271(g), 278(3), 533 tal-Kodici Kriminali kif ukoll l-artikoli 5(1), 51(2) u 55(a) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ikkundannat lill-hati Kenneth Ellul ghal piena ta' tnax-il sena prigunerija b'dana li minn dan il-

perjodu jrid jinqata' kull zmien li hu għamel taħt arrest preventiv in konnessjoni mar-reat kif ukoll ikkundannatu iħallas is-somma ta' ħamest elef, ħames mija u tmienja u hamsin Ewro u tmienja u sittin centezmu (€5558.68) import tal-ispejjez peritali a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat l-konfiska tal-armi kollha li kelhom x'jaqsmu ma' dan ir-reat.

**4.** Rat ir-rikors ta' l-appell li pprezenta Kenneth Ellul fl-04 ta' Gunju 2014 li bih u ghar-ragunijiet indikati talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka l-verdett u d-dikjarazzjoni tas-sejbien ta' htija taht il-kapi tal-akkuza kollha kif ukoll dwar l-addebitu tar-recidiva u tordna li tigi registrata sentenza u verdett ta' liberazzjoni; jew alternattivament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, joghgobha tiddisponi minn l-appell ai termini tal-artikolu 502 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; jew alternattivament u minghajr pregudizzju ghal fuq espost, joghgobha tikkunsidra temperament fis-sentenza moghtija ghal dak li jirrigwarda l-piena billi tigi imposta piena aktar ekwa u gusta ghac-cirkustanzi tal-kaz.

**5**. Rat ir-risposta ta' l-Avukat Generali tal-20 ta' Settembru 2016.

**6**. Semghet trattazzjoni.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**8**. Illi l-lanjanza ewlenija imqanqla mill-appellant iddur madwar l-apprezzament tal-provi li sar mill-Imhallfin tal-fatti meta jishaq illi ma kienx hemm evidenza illi holqot ness bejnu u s-serqa li sehhet mir-residenza tal-Professur Anthony Zammit gewwa Haz-Zebbug. L-appellant jibqa' jishaq fuq l-innocenza tieghu u jsostni illi l-persuni li mplikawh fis-serqa, senjatament Christopher Shepherd u Mark Anthony Ellul, mhumiex xhieda kredibbli. Izid illi ma hemm l-ebda prova xjentifika in atti li b'xi mod tpoggieh fuq ix-xena tar-reat, bl-ezamijiet forensici li saru fuq il-vettura allegatament uzata fil-kummissjoni tar-reat kif ukoll fil-fond fejn sehhet is-serqa jirrizultaw kollha fin-negattiv meta raffrontati mal-persuna tieghu. Inoltre skont l-appellant anke x-xiehda tal-vittma Professur Zammit hija wahda nkonsistenti ghaliex x-xhud ibiddel il-verzjoni tal-fatti minn dawk moghtija minnu *a tempo vergine*, kemm lill-Inkwirenti kif ukoll fil-kumpilazzjoni meta jzid fatti li ma kienx semma originarjament.

**9**. Skont l-appellant, dan kollu jfisser illi l-verdett milhuq kien *unsafe and unsatisfactory* billi ma kienx hemm bizzejjed provi kif mehtiega fil-kamp penali sabiex tinstab htija. Jikkontendi l-appellant illi fil-kors tal-guri saru bosta zbalji u rregolaritajiet procedurali biex b'hekk huwa ma kellux smigh xieraq. Fir-rikors tal-appell, l-appellant ma jindikax x`kienu dawn l-allegati zbalji jew irregolaritajiet. Finalment, u sussidjarjament, jitlob temperament fil-piena ghalkemm anke hawn ma jesponi l-ebda kritika lejn il-konsiderazzjonijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti tikkundannah ghal perijodu ta' tnax-il sena prigunerija.

**10**. L-Avukat Generali jilqa' ghal dawn il-lanjanzi billi fl-ewwel lok jishaq illi l-appellant ghalkemm dejjem baqa' jsostni l-innocenza tieghu, ma rnexxielux ixejjen il-provi mressqa mill-prosekuzzjoni sal-grad tal-probabbli ghaliex ma ressaq l-ebda prova dwar fejn allegatament kien jinstab fil-jum u fil-hin li twettaq id-delitt. Lanqas ma jipproduci ebda *alibi* biex isahhah l-argumenti tieghu. Ghall-Avukat Generali huwa fallaci meta l-appellant jishaq illi x-xiehda ta' Shepherd u Ellul kienet nverosimili ghaliex meta dawn implikawh fis-serqa de qua huma t-tnejn kienu jinstabu arrestati fuq investigazzjonijiet ohra. Ighid illi x-xiehda taghhom kienet konsistenti tant illi sahhu il-verzjonijiet taghhom b`dak li xehdu li kien qalilhom l-appellant dwar il-*modus operandi* tas-serqa. Kontra dak li jsostni l-appellant, l-Avukat Generali jinsisti li x-xiehda tal-vittma kienet u baqghet konsistenti anke meta ta deskrizzjoni ta` l-appellant bhala ragel twil u rqiq b'ghajnejh blu. Barra minn hekk il-vittma gharaf ukoll il-vuci tal-appellant waqt il-proceduri quddiem il-Qorti Istruttorja, bhala l-istess vuci ta' wiehed mill-aggressuri tieghu. Skont il-prosekuzzjoni, il-provi kienu jippuntaw lejn direzzjoni wahda ta' reita' u li jaghmel gustizzja l-verdett tal-gurati tant li ghalhekk jimmerita konferma minn din il-Qorti.

**Ikkunsidrat :**

**11**. Ghadd kienu l-okkazjonijiet fejn din il-Qorti sahqet b`mod konsistenti mal-gurisprudenza ta` dawn il-qrati illi meta tkun rinfaccjata b'aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi toqghod lura milli tiddisturba l-interpretazzjoni tal-provi li tkun saret minn min ikun iġġudika l-fatti[1] ghaliex l-Imhallfin tal-fatt kellhom il-

[1] ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri deċiża mill-Qorti tal-Appell Superjuri fl-24 ta' April 2008 Ara, ukoll fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta'

vantaġġ fuq din il-Qorti li mhux biss jisimghu il-provi, iżda li jagħmlu evalwazzjoni ta’ l-imġieba u l-komportament tal-persuni li xehdu quddiemhom, liema analiżi kienet essenzjali sabiex jaslu għall-konklużjonijiet tagħhom. Madankollu, tenut kont tan-natura tal-appell u l-mod kif l-ewwel aggravju huwa impostat, din il-Qorti sejra tqis il-provi li gabet il-Prosekuzzjoni sabiex tistabilixxi jekk il-ġurati setgħux, b’mod raġonevoli msejjes fuq il-principji tad-dritt penali, kif ben diretti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri, jaslu għall-verdett tagħhom, u dan fir-rigward tat-tmien kapi imfassla fl-Att ta’ l-Akkuza, li mhux biss jixlu lill-appellant bis-serq aggravat bil-vjolenza mir-residenza ta’ l-vittma, izda ukoll bis-serq tal-vettura Kia Avella bin-numru ta’ registrazzjoni CAK848 li sehhet ftit jiem qabel l-event kriminuz ewlieni ta’ dan il-kaz.

**12**. Kif inghad minn din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza taghha tal-1 ta` Dicembru 1994 fil-kaz “**Ir-Repubblika vs Ivan Gatt**” :-

> **“Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta’ din il-Qorti fil-kaz prezenti u f’kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f’dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta’ din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament.”**

---

Malta vs. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u IrRepubblika ta' Malta vs George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija vs Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija vs Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija vs Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; IlPulizija vs Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija vs Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija vs Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija vs Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991.

**13**. Illi l-fatti saljenti li jsawwru dan il-kaz ghalkemm huma semplici madanakollu jiehdu bixra kemm xejn kumplessa minn meta tinghata informazzjoni lill-pulizija illi l-appellant kien implikat fil-kummissjoni tas-serqa mertu ta' dan il-kaz. Dan ghaliex mhuwiex kontestat illi fil-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Awwissu 2008 sehhet *hold-up* fir-residenza tal-Professur Anthony Zammit gewwa Haz-Zebbug minn tliet persuni, irgiel, li kienu mghammda, li dahlu fir-residenza tal-vittma, permezz ta' cavetta u li harrbu minn fuq il-post bil-pass. Dawn it-tlieta min-nies qatt ma gew identifikati mill-ebda wiehed mix-xhieda li rawhom hlief ghall-vittma li jikkontendi illi gharaf lill-appellant bhala wiehed mill-aggressuri tieghu. Mhux biss, izda anke l-filmati li kienu prelevati mill-bank li jinsab biswit ir-residenza tal-vittma, u minn dar ohra fil-vicin, ghalkemm juru xeni li fihom jidhru il-malviventi, madanakollu mhux bizzejjed biex jidentifikawhom.

**14**. Jirrizulta li l-vittma kien aggredit waqt is-serqa, kien marbut u kien mizmum kontra r-rieda tieghu. Kien anke garrab griehi ta' natura gravi meta qala` daqqiet bl-armi tan-nar li kellhom fil-pussess taghhom l-aggressuri tieghu. Il-vettura misruqa li intuzat fil-kummissjoni tar-reat thalliet fuq il-post billi ma setghetx tinsaq bil-konsegwenza li l-malviventi harbu minn fuq il-post bil-pass. Fil-vettura li kienet tal-ghamla Kia Avella instab is-senter uzat minn wiehed mill-aggressuri. L-ebda impronti digitali jew tracci ta' DNA appartenenti lill-appellant ma nstabu la fuq ix-xena tar-reat u lanqas fil-vettura jew fuq l-oggetti misjuba fil-vettura. L-*identification parade* u l-*voice recognition parade* li saru fil-Kwartieri Generali tal-Pulizija ma kienux konklussivi u ma wasslux ghall- persuna tal-appellant. Dan ukoll ghaliex l-appellant ma kienx ha sehem fl-ezercizzji ta'

identifikazzjoni billi sa dak iz-zmien kien ghadu injot mill-pulizija s-sehem tieghu fil-kummissjoni tad-delitt.

**15**. Illi mill-atti probatorji jirrizulta li l-provi li wasslu sabiex l-appellant jigi implikat fis-serqa *de qua* kienu essenzjalment ix-xiehda ta' Christopher Shepherd u ta` Mark Anthony Ellul, id-deskrizzjoni moghtija mill-vittma ta' wiehed mill-aggressuri tieghu, u l-fatt illi l-vittma gharaf lill-appellant, kif ukoll ix-xiehda tal-appellant innifsu.

**16**. Illi din il-Qorti ezaminat mill-gdid u b`reqqa l-provi kollha li jinsabu fl-atti inkluzi dawk kumpilatorji. Qieset is-sottomissjonijiet li ghamlu d-difensuri. Ikkunsidrat ukoll l-indirizz tal-imhallef.

**17**. Din il-Qorti ezaminat ix-xiehda moghtija mill-vittma fid-diversi okkazjonijiet li ddepona u cioe' kemm *a tempo vergine* quddiem l-espert nominat mill-Inkwirenti, dik moghtija fil-kumpilazzjoni, u finalment ir-rakkont tal-esperjenza li ghadda minnha fil-lejl ta' bejn il-11 u it-12 ta' Awwissu 2008.

**18.** Din il-Qorti mill-ewwel tistqarr illi dak allegat mill-appellant dwar l-inkonsistenzi fil-verzjonijiet tal-vittma huwa ghal kollox infondat. Dan ghaliex minn dawn il-provi jispikka il-mod dettaljat li l-vittma jaghti tal-aggressjoni subita minnu ghal saghtejn shah fil-kamra tas-sodda tieghu. Din il-prova diretta hija tali illi taghti stampa cara ta' kif svolga dan l-event kriminuz mill-mument illi l-vittma lemah lit-tlett aggressuri tieghu quddiemu go daru meta kien rieqed fis-

sodda. Ir-rakkont tieghu baqa` konsistenti fis-sens illi baqghu jinghataw l-istess dettalji tul is-snin u cioe` minn meta ta l-ewwel verzjoni fl-2008 sal-ahhar darba meta xehed fil-guri fl-14 ta' Mejju 2014.

**19**. Il-Professur Zammit xehed illi fil-lejla tal-11 ta' Awwissu 2008, wara li kien attenda gewwa klinika fiz-Zurrieq, kien mistieden ghall-ikel ghand xi konoxxenzi tieghu. Ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' fil-ghodu dahal lura d-dar u wara ftit tal-hin dahal jorqod. Ghajr ghad-dawl tal-qamar, kien id-dlam. F'xi hin jixhed illi huwa stenbah u osserva li kien hemm tlett persuni fil-kamra tas-sodda tieghu li minnufih aggredewh, sawwtuh b'wiehed minnhom sahansitra jitla' fuq sidru. F'dan il-hin huwa ma setax jidentifika l-ucuh ghax kien id-dlam. Jiftakar li riedu minghandu s-somma ta` Lm20,000. Hawnhekk ighid li wiehed mill-aggressuri illarga. Gharaf lill-appellant bhala din il-persuna. Wara hames minuti dan mar lura fil-kamra tas-sodda fejn wissa lit-tnejn l-ohra li kienu qed jaghmlu hafna storbju u li kienu qed jinstemghu mill-bitha. Hekk kif rega` dahal fil-kamra l-agressur, li Zammit gharaf bhala l-appellant, xeghel id-dawl. Jidher mid-diskors li nghad li kienu insew l-irbit warajhom fejn jissemmew xi *tie clips* u *tape*. Ghalhekk il-malviventi rabtu lill-vittma bil-*wire* tal-*lamp shade* u anke b'xi ingravati li kellu fil-kamra tas-sodda.

**20**. Minn hawn Zammit jixhed li beda josserva lil dawn it-tlett irgiel tant illi jaghti deskrizzjoni dettaljata taghhom it-tlieta u jispjega fid-dettall kull wiehed minnhom x'kien qieghed jaghmel u min minnhom kien qed isawwtu u b`liema mod.

**21.** Il-vittma ftakar illi bdew isejhu lil tnejn minnhom bl-ismijiet 'Ronnie' u 'Gandhi'.

**22.** Il-persuna li hu jidentifika bhala l-akkuzat jiddeskrivieh bhala twil u irqiq. Josserva li kellu ghajnejh blu, b'imniehru naqra kbir. Jiddeskrivieh qisu tar-rumani, u b'mixja partikolari. Meta ilissen l-ittra "S" jinnota li din qisha tehhillu. Fil-fatt ighid li meta kien agitat, dak l-agressur beda jitkellem b'certu "*lisp*". Josserva illi dan il-malvivent (li semma b`konvinzjoni illi kien l-appellant) kien liebes maskra tal-karnival b'wicc ta' ragel xih u nnota xaghru twil u nokkli skuri hergin minn taht din il-maskla fuq ghonqu[2]. Josserva li kien liebes top kulur car "*flesh colour*" u qalziet kulur skur. It-tieni wiehed ighid li kien ftit iqsar mill-appellant ghalkemm mhux bil-wisq, bl-istess statura u rquqija. Lit-tielet wiehed jiddeskrevieh bhala qasir u mbaccac ; ixebbhu mal-pupu uzat fir-reklam tal-*Michelin*. Fil-fatt isejjahlu tul id-deposizzjoni tieghu bhala *Mr. Michelin.* Jiftakar ukoll li dan kien liebes gakketta kkuttunata izda ma tantx seta' josserva iktar dwar dan l-aggressur peress illi kien l-inqas wiehed li kien involut fl-aggressjoni fuqu. Dawn l-ahhar tnejn kienu mghammda b'balaclava. Josserva ukoll illi l-hallelin kienu lebsin l-ingwanti u anke josserva fid-dettall il-hwejjeg li kienu lebsin. Waqt din l-aggressjoni l-vittma jzomm kont tal-hin minn arlogg kbir li kien hemm faccata tas-sodda tieghu.

**23**. Ighid il-vittma li r-ragel li ddeskrivieh bhala *Mr.Michelin* sparixxa u baqghu mieghu t-tnejn l-ohra jqallbu u jfittxu fil-kamra tas-sodda. Jiftakar illi it-tieni

[2] Xiehda ta' Anthony Zammit moghtija fol.208 u 209.

wiehed nizel gharkobbtejh hdejh u pponta s-senter li jiddeskrivieh bhala *shot-gun* lejn rasu u hawn josserva il-kulur ta' ghajnejh bhala griz fl-ahdar.

**24.** Jixhed il-vittma illi fil-mument illi jibqa' wahdu mal-aggressur, li hu jidentifikah bhala l-appellant, josserva iktar dettalji mid-dehra tieghu billi dan mar aktar vicin tieghu u ipponta l-arma, *revolver*, lejn rasu. Mhux biss izda beda jheddu ukoll bi flixkun. Jiftakar ukoll illi waqt li kien qed jigi aggredit hu ghamel ta' bi ruhu li kien ser jaghtih attakk tal-qalb u fil-fatt jitlob lill-aggressur iqieghdlu pillola taht ilsienu, u jwahhalu *patch* ma' sidru. Beda jilaghbha illi ma setax jiehu n-nifs.

**25.** Ighid hekk dwar l-okkazjonijiet li osserva lill-appellant mill-vicin:

> **"Mela kellna dik ic-cirkostanza meta gie bir-revolver ma' rasi, kellna c-cirkostanzi l-ohra meta gie bil-flixkun ma' rasi u beda jitretinjani jigifieri l-ewwel jurihuli hekk quddiemi, imbaghad imissuli ma' spallti, imbaghad ma' sidri .... Jigifieri dan wicc imb'wicc mieghi. Jerga kien hemm cirkostanza ohra meta qalli biex jitfaghli il-pinnola 'iftah halqek' .... biex iwahhalli il-patch. Qalli 'naghmilielek ma'spalltek?' Ghidtlu 'le aghmilhieli ma' sidri.' ... jigifieri dawn huma erba' cirkostanzi li jien rajt dawk l-ghajnejn penetranti bluni li ghandu l-akkuzat."**

**26.** Fost l-affarijiet li kienu misruqa, il-vittma jikkontendi li kien insteraq curkett tad-djamanti li kellu forma kwadra. Dan il-fatt jikseb rilevanza meta Christopher Shepherd jimplika lill-appellant mal-pulizija bhala wiehed mill-hallelin.

**27.** Ghalkemm saru *identification* u *voice recognition parades*, ma jidhirx illi l-appellant ippartecipa fihom. B`hekk il-vittma ma setax igharrfu fost nies ohra. Tajjeb jinghad illi kien hemm okkazjoni partikolari meta l-vittma stqarr illi kien qieghed fl-awla tal-qorti fl-istadju tal-kumpilazzjoni meta l-appellant indirizza lill-Magistrat sedenti bil-kliem *"Sur Magistrat"*. Dak il-hin il-vittma jghid illi mill-ewwel gharaf il-vuci bhala dik l-istess wahda tal-aggressur tieghu b'ghajnejh blu. Dan kien possibbli fuq kollox ghaliex dan l-aggressur fil-lejla in kwistjoni kien qatta` xi hin jitkellem mieghu meta staqsieh x'konnessjoni kellu ma' certu Manuel Rizzo li kien *manager* mal-Bank of Valletta, fejn Zammit infurmah li kien operalu l-mara tieghu.

**28**. Illi l-identifikazzjoni maghmula mill-vittma fil-persuna tal-appellant bhala wiehed mill-aggressuri tieghu hija prova diretta li tipponta lejn ir-reita' biss jekk tirrizulta bizzejjed b'sahhitha tant illi l-gurati setghu ragjonevolment u fattwalment jistriehu fuqha.

**29**. Issa meta l-Qorti tigi biex tgharbel dik l-evidenza marbuta mal-identifikazzjoni tal-awtur ta' reat, dan ghandu jsir b'kawtela u cirkospezzjoni. Il-qrati taghna segwew ir-regoli illi tfasslu fil-kawza li tat il-Qorti tal-Appell Ingliza fil-kaz ta` **R vs Turnbull**[3], li ghalkemm ma jikkostitwixxu l-ebda regola ghall-fini tal-ligi Maltija, madanakollu jservu bhala linjii gwida fil-kaz ta' l-identifikazzjoni tal-persuna akkuzata :-

> **"First, whenever the case against an accused depends wholly or substantially on the correctness of one or more identifications of the**

[3] Court of appeal 1977 – QB244

**accused which the defence alleges to be mistaken, the judge should warn the jury of the special need for caution before convicting the accused in reliance on the correctness of the identification or identifications. In addition he should instruct them as to the reason for the need for such a warning and should make some reference to the possibility that a mistaken witness can be a convincing one and that a number of such witnesses can all be mistaken. Provided this is done in clear terms the judge need not use any particular form of words.**

**Secondly, the judge should direct the jury to examine closely the circumstances in which the identification by each witness came to be made.**

**How long did the witness have the accused under observation?**

**At what distance?**

**In what light?**

**Was the observation impeded in any way, as for example by passing traffic or a press of people?**

**Had the witness ever seen the accused before?**

**How often?**

**If only occasionally, had he any special reason for remembering the accused?**

**How long elapsed between the original observation and the subsequent identification to the police?**

**Was there any material discrepancy between the description of the accused given to the police by the witness when first seen by them and his actual appearance?**

**If in any case, whether it is being dealt with summarily or on indictment, the prosecution have reason to believe that there is such a material discrepancy they should supply the accused or his legal advisers with particulars of the description the police were first given. In all cases if the accused asks to be given particulars of such descriptions, the prosecution should supply them. Finally, he should remind the jury of**

**any specific weaknesses which had appeared in the identification evidence.**

**Recognition may be more reliable than identification of a stranger; but even when the witness is purporting to recognise someone whom he knows, the jury should be reminded that mistakes in recognition of close relatives and friends are sometimes made.**

**All these matters go to the quality of the identification evidence. If the quality is good and remains good at the close of the accused's case, the danger of a mistaken identification is lessened; but the poorer the quality, the greater the danger.**

**30**. Tajjeb jinghad illi l-aggressjoni damet ghaddejja ghal hin twil u cioe' 'il fuq minn saghtejn, fejn allura l-vittma matul dak il-hin kollu seta' josserva lit-tlett malviventi mill-vicin.

**31.** Fil-fatt il-vittma josserva b`dettall il-komportament ta' kull wiehed minnhom, l-istatura taghhom, il-fizjonomija ta' wicchom sa fejn din kienet tidher, il-vuci taghhom u l-hwejjeg li kienu lebsin. Jidher illi ghal xi hin tnejn mill-malviventi, b'wiehed minnhom allura ikun l-appellant, skont Zammit, ikunu wicc'imb wicc mieghu, tant ghalhekk illi seta` josservahom mill-qrib, u jaghti deksrizzjoni dettaljata tal-fattispecje tal-wicc, kulur ta' l-ghajnejn, kulur tax-xaghar, fisjonomija tal-imnieher u anke josserva l-vuci. Mhux biss izda f'xi hin sahansitra beda jipprova jgieghel lill-aggressuri tieghu jnehhu l-ingwanti sabiex ihallu xi impronti digitali warajhom fuq ix-xena tar-reat sabiex b'hekk ikunu jistghu jigu rintraccjati mill-pulizija, izda dan il-pjan ma rnexxiex. Fl-ahharnett sahansitra jikkrea messa in xena fis-sens illi kien qed ibati minn attakk tal-qalb u li anke li qed jaqta' nifsu bir-riskju li jmut, sabiex b'hekk il-hallelin jaqtghu

qalbhom, jibzghu u finalment jitilqu minn fuq il-post meta hasbuh qed jitlef hajtu.

**32.** Dan kollu jindika illi f'dan il-kaz ghalkemm Zammit kien vittma ta' *hold-up* f'daru fejn kien aggrediet bi vjolenza, xorta wahda baqa' l-hin kollu f'sensieh, u kellu l-kapacitajiet mentali cari u riflessi tajbin bizzejjed sabiex iwassluh sabiex minflok hakmitu l-biza` u rrassenja ruhu ghall-aggressjoni li garrab, haddem mohhu sabiex jipprova mhux biss jara jistax igharaf lill-aggressuri tieghu u jaqbadhom, izda ukoll li jipprova jbezzaghhom li kienu ser joqtluh sabiex igerrixxihom mill-intenzjoni kriminuza taghhom.

**33.** Din il-Qorti gharblet id-deposizzjoni tal-vittma u ssib li dejjem baqghet konsistenti dwar id-dinamika ta' kif sehhet l-aggressjoni li garrab. Tiirizulta l-prova diretta mhux biss ta' dak li sehh fil-lejla ta' bejn il-11 u it-12 ta' Awwissu 2008, izda ukoll ta' l-identifikazzjoni ta' wiehed mill-aggressuri. Il-vittma jibqa' jsostni tul il-proceduri kriminali mill-istadju tal-Istruttorja sa meta jixhed fil-guri illi huwa gharaf bhala wiehed mill-aggressuri tieghu lill-appellant.

**34.** Illi biex tissahhah dina id-deskrizzjoni li nghatat tal-aggressuri tal-vittma, xhieda ohra li raw lil dawn it-tlett malviventi jaharbu minn fuq il-post, ghalkemm ma kienux kapaci jidentifikaw lill-appellant bhala wiehed minnhom, madanakollu jaghtu deskrizzjoni simili hafna ghal dik li jaghti l-vittma. Grace Taliana li lemhet lil tnejn mill-aggressuri qed jaharbu minn fuq il-post tiddeskriviehom bhala wiehed ismar u twil b'xaghru skur, u l-iehor ftit iqsar u

b'karnaggjon bajdanija.  Deskrizzjoni simili jaghtieha x-xhud Mikelang Farrugia, sid il-hanut tax-xorb li jinsab biswit ir-residenza ta' Zammit.

**35.** Anke l-immagini tal-filmati mehuda mis-sistema tas-CCTV tal-fergha tal-Bank of Valletta u tar-residenza 15, Misrah San Filep, jindikaw l-istess statura u hwejjeg li huma deskritti minn dawn ix-xhieda. Dawn il-filmati juru fuq kollox il-hin li fihom dawn il-malviventi jidhru dehlin, imbaghad hergin mir-residenza ta' Zammit, liema hin jikkombacja perfettament mal-hinijiet precizi li jaghti l-vittma dwar id-dinamika ta' kif sehh id-delitt, fejn sahansitra ighid illi f'xi hin l-appellant illarga mill-kamra tas-sodda ftit wara li dahlu fuqu, imbaghad dahal lura, xeghel id-dawl u rabtuh. Jidher mix-xiehda tal-vittma illi l-malviventi kienu insew warajhom it-*tie clips* u t-*tape* biex jorbtu l-vittma, u allura rabtuh b'dak li sabu fil-kamra tas-sodda. Fil-fatt mill-filmati tac-CCTV, kif johrog mir-rapport tal-espert Martin Bajada, fil-hin 02:44 tliet persuni dahlu fir-residenza ta' Zammit. Imbaghad fil-hin 03:11:44  il-persuna liebsa flokk kulur car harget mir-residenza u marret lejn in-naha tal-passiggier tal-vettura Kia. Fil-hin 03:12:23. din l-istess persuna tirritorna lura fir-residenza ta' Zammit. Imbaghad fil-hin 04:34:29 johorgu zewg malviventi, b'wiehed minnhom ikun dak tal-flokk kulur car li jmorru lejn il-karozza. Izda fil-04:35:43 jabbandunaw il-vettura u jaharbu bil-pass. Il-gar ta' Zammit jinnota l-karozza u l-attivita` suspettuza ghal habta ta' 04:36:20 u fl-ahhar fil-hin 04:37:42 it-tielet malvivent li fil-filmati jidher qed jittituba fil-bieb tar-residenza johrog u jahrab ukoll bil-pass fid-direzzjoni l-opposta tat-tnejn l-ohra, segwit mill-gar. Dawn l-istess hinijiet jaghtihom Zammit tul id-deposizzjoni tieghu.

**36**. Maghdud ma' dina l-identifikazzjoni, hemm imbaghad ix-xiehda ta' Christopher Shepherd u Mark Anthony Ellul li jghidu li l-appellant stqarr maghhom li kien involut f'din is-serqa. It-tnejn jaghtu deskrizzjoni dettaljata ta' dak li qalilhom l-appellant dwar kif sehh id-delitt. Mhux biss izda Shepherd ighid illi huwa kien mistieden sabiex jippartecipa f'din is-serqa, izda peress li kienet ghadha kemm mietet ommu hu irrifjuta li jassocja ruhu fil-kummissjoni tar-reat. L-appellant jichad kategorikament illi huwa qal dan id-diskors lil dawn it-tnejn min-nies u jibqa' sal-ahhar jishaq illi huma kienu qed jigdbu fuqu.

**37.** Illi l-ligi penali taghmel distinzjoni bejn il-konfessjoni gudizzjarja u ghalhekk mehuda minn xi awtorita' skont il-ligi, u dik extra-gudizzjarja, b'dan illi din tal-ahhar tkun tinnecessita dejjem provi korroborattivi ghalbiex fuqhom tista' tissejjes ir-reita'. Fis-sentenza ta` din il-Qorti diversament komposta tat-3 ta` Dicembru 2004 fil-kawza "<u>Ir-Repubblika ta` Malta vs Salvatore sive` Saviour Bugeja</u>" jinghad :-

> **"Issa hu accettat li kull dikjarazzjoni tal-akkuzat maghmula qabel, waqt jew wara l-att inkriminat tista' tingieb bhala prova kontra tieghu w l-konfessjoni li tkun saret volontarjament tista' tittiehed bhala prova tal-htija tieghu. Ta' spiss jinghad li l-konfessjoni tal-akkuzat hija l-prova regina. '....** ***Admissions or confessions to persons other than magistrates, if in writing, are proved as any other written instrument .. If made by parol, they are proved by parol evidence of some person who heard them. What a prisoner has been overheard to say to another, or to himself, is equally admisible; though it is evidence to be acted upon with much caution, as being liable to unintentionally misinterpreted by the witnessess.*****(Archbold page 376)"**

**38**. Ghalkemm dawn it-tip ta' konfessjonijiet allura huma ammissibbli bhala prova, madanakollu min irid jiggudika jrid jimxi b'kawtela kbira meta jkun hemm

ammissjonijiet li ma jsirux quddiem xi awtorita` nvestigattiva jew gudizzjarja, fejn allura jkun irid isir stharrig mill-qorti dwar jekk hemmx evidenza ohra li hija kompatibbli o meno ma' tali konfessjonijiet u cioe' jekk hemmx provi diretti jew provi indizzjarji univoci li jaghtu sahha lill-istqarrijiet extra-gudizzjarji inkriminatorji.

**39**. Illi x-xhud Mark Anthony Ellul jistqarr illi din il-konfessjoni maghmula mill-appellant sehhet ghal bidu ta' Frar tal-2009, u cioe' madwar sitt xhur wara li kien sehh l-event kriminuz *de quo*. Ellul u l-appellant kienu flimkien f'karozza fi triqthom lejn id-Detox sabiex jiehdu l-mistura kontra l-abbuz tad-droga. Hawnhekk l-appellant jirrakkonta lil Mark Anthony Ellul minn jeddu kif sehhet is-serqa mir-residenza ta' Zammit. Iqerr mieghu illi hu flimkien ma' shabu kienu dahlu fir-residenza mill-bieb ta' barra permezz ta' cavetta, liema cavetta kienu kisbu minghand xi nies li jafu lill-vittma u li qalulhom li ghandu hafna flus. Wiehed minnhom kien dahal bic-cavetta qabel ma wasal il-Professur lura d-dar, bit-tnejn l-ohra jidhlu wara li l-vittma dahal id-dar. Qallu li kienu erbgha min-nies, tlieta minnhom dahlu gewwa u wiehed baqa' jistenna barra fil-karozza. Qallu li kellhom vettura Kia Avella li kienet misruqa. Qallu li rabtu lill- vittma b'*cable ties* u li l-vittma dam biex jaghtihom il-flus tant li damu hemm madwar erba' sighat. Ighidlu li fil-fatt tal-hanut ta' hdejh lahaq fetah. Qallu li tahom flus kontanti fl-ammont ta' 21000, izda ma spjegalux jekk dawn kenux fil-munita ewro jew liri maltin. Ighidlu ukoll li l-vittma tahom il-flus bi tpartit ma' xi pilloli. Qallu li meta lestew hargu mill-bieb ta' barra u telqu bil-giri.

**40**. Illi huwa indubitat illi Mark Anthony Ellul ma kienx wiehed minn dawn it-tlett malviventi u allura ma kienx fuq il-post tad-delitt. Id-dettalji li jaghti madanakollu huma simili hafna ghal dak li verament gara fil-lejla meta sehhet is-serqa. Dawn id-dettalji Mark Anthony Ellul ighid li tahomlu l-appellant meta qerr mieghu li kien involut f'din is-serqa, liema dettalji huma verosimili bil-hallelin verament jidhlu permezz ta' cavetta mill-bieb ta' barra, jaslu fuq il-post b`vettura Kia Avella, jorbtu lill-vittma, idumu hemmhekk hin twil tant illi tal-hanut biswit ir-residenza lahaq fetah, u wkoll illi lill-vittma jaghtuh xi pilloli. Jirrizulta ukoll illi l-hallelin harrbu minn fuq il-post bil-pass.

**41.** Dan ifisser illi din il-konfessjoni li skont Mark Anthony Ellul kien ghamel mieghu l-appellant tirrispekkja u hija korroborattiva tal-fattispecje kif svolgew f'dik il-lejla u kif rakkontati mill-vittma, ghalkemm mhux preciz sal-anqas dettall. Jikkombacja wkoll mal-filmati tac-CCTV li ttiehdu minn barra r-residenza tal-vittma li juru lill-malviventi jaslu fuq il-post permezz ta' vettura Kia Avella, jidhlu fir-residenza ghal habta tas-saghtejn u nofs ta' fil-ghodu, bl-ahhar wiehed jidhol ftit wara u li dawn johorgu minn hemm madwar saghtejn wara, b'tal-hanut biswit ir-residenza jkun qed jiftah kmieni filghodu ghax-xoghol.

**42.** Min-naha tieghu, Christopher Shepherd, li huwa habib tal-infanzja tal-appellant, ighid illi huwa kien gie mgharraf bil-ftehim dwar is-serqa qabel ma fil-fatt sehhet, bl-ewwel pjan jitfassal ghal habta ta' April tas-sena 2008 meta l-appellant javvicinah flimkien ma' Kristian Ellul. Dawn waslu hdejh permezz ta' vettura Fiat Punto appartenenti lil Kristian Ellul fejn dawn talbuh biex imur maghhom ha jisirqu lil Zammit. Ighid illi fil-vettura kien hemm xi snieter,

*revolver*, hwejjeg skuri, *tie clips* u ngwanti tas-suf. Kien qallu ukoll li kellhom jisirqu vettura minn Wied il-Ghajn sabiex juzawha fis-serqa. Ighid illi kienu assocjaw rwiehom sabiex iwettqu dan ir-reat : l-appellant, certu Bruno Farrugia minn Hal Ghaxaq, u Kristian Ellul. Shepherd ighid illi huwa rrifjuta li jmur maghhom ghax kienet ghada kemm mietet ommu. Ghalkemm is-serqa ma sehhitx f'April, izda f' Awwissu, Shepherd ighid li huwa xorta wahda ma ippartecipax fiha billi sa dak iz-zmien kien spicca inkarcerat fuq xi kazi ohra. Ighid li l-vettura Kia li ntuzat fis-serqa kienet insterqet ftit jiem qabel u kien seraqha Kenneth Ellul ghax kien prattiku fis-serq tal-karozzi u kien anke seraq xi vetturi mieghu hu ukoll. Shepherd jaghti din id-deskrizzjoni tal-armi tan-nar li kienu fil-pussess tal-appellant u li wrieh fil-vettura:

> **"wiehed mis-snieter kellu graphic mac-cipp u kellu manku kannella. Wiehed mis-snieter kellu wkoll l-kanna mtajjar ma illimawhiex wara li issegawha."**

**43.** Dan qed jinghad ghaliex mir-rapport tal-esperti tal-ballistika jirrizulta illi s-senter li nstab fil-vettura Kia Avella u li ntuza fil-kummissjoni tar-reat kellu fil-fatt il-kanna maqtugha, li ghalkemm mhux konklussiv li setghet kienet l-istess arma li jiddeskrivi Shepherd, madanakollu jidher illi kellha l-istess difett. Jaghtu din id-deskrizjoni tal-arma tan-nar l-esperti il-Brigadier Maurice Calleja u PS 602 Jonathan Attard fix-xiehda taghhom tat-13 ta' Mejju 2014 :

> **... il-kanna maqtugha ghax is-soltu tkun itwal ... il-kanna maqtugha .... tkun xi pied u nofs itwal."**

**44.** Ikomplu jghidu hekk dwar il-feriti riportati mill-vittma li kienu kompatibbli mas-senter misjub fil-vettura Kia Avella uzata mill-malviventi :

**"tliet marki li kellu fuq gismu l-professur Anthony Zammit saru b'daqqiet ta' senter tal-kacca, tnejn minnhom bil-butt, u ohra bil-kanna, kienu jidhru cari."**

**45**. Mhux biss izda mix-xiehda ta' Zammit johrog illi l-malviventi kienu rabtuh bil-*wire* tal-*lamp shade* u bl-ingravati li sabu fuq il-post ghaliex wiehed minnhom kien gharraf lill-komplici tieghu li kienu nsew it-*tie clips* u t-*tape* warajhom, l-istess ghodda allura li Shepherd jindika li kien gie muri fil-vettura Punto mill-appellant lura f' April 2008.

**46**. Wara li jsehh l-event kriminuz u dan ghal habta ta' Ottubru tal-istess sena, Shepherd ighid illi l-appellant f'zewg okkazjonijiet tkellem mieghu dwar il-kummissjoni tar-reat u qallu li kienu '*ghoddhom inqabbdu*'. F'Jannar tas-sena 2009, imbaghad, l-appellant avvicina lil Shepherd u staqsieh jekk kixfux u dan wara li kienu baghtu ghalih il-pulizija. Fil-fatt qallu li kien bil-*police bail*, u li meta kien gie interrogat mill-pulizija huwa kien cahad l-involviment tieghu.

**47.** Fix-xiehda tieghu Shepherd jirrakonta illi l-appellant kien semmielu li fis-serqa kien insteraq curkett tad-djamanti b'forma kwadrata. Ighidlu li dan ic-curkett huwa kien partu ma' gramma droga. Dan id-diskors ighid ix-xhud li l-appellant li qalulu ghal habta ta' Novembru/Dicembru 2008 fejn jispjegalu li kien partat ic-curkett xi tlett xhur qabel[4]. Dan id-dettall dwar il-forma tac-curkett jidher illi qatt ma kien issemma mill-vittma tant ghalhekk illi Shepherd qatt ma seta' jkun jaf x'kienet il-forma tieghu hlief minn dak li seta' qallu l-appellant.

---

[4] Ara xiehda ta' Shepherd fil-process verbal a fol. 369

**48**. Kristian Ellul, kif ukoll Bruno Farrugia, cahdu dak li qalu Shepherd u Mark Anthony Ellul fuqhom, u baqghu jsostnu l-innocenza taghhom billi sostnew illi ma kienux involuti f'dan il-*hold-up*.

**Ikkunsidrat :**

**49**. Illi mix-xiehda ta' dawn it-tnejn min-nies, li huma mgiddba mill-appellant, johorgu dettalji dwar il-*modus operandi* uzat fil-kummissjoni tar-reat, dettalji li setghu biss jinghataw mill-persuna li kienet direttament involuta u li kienet prezenti fuq ix-xena tar-reat. Shepherd mhux biss ighid li ra b'ghajnejh l-ghodda li kellha tintuza mill-malviventi sabiex l-intenzjoni kriminuza tirnexxi, izda ukoll jaghti dettalji tal-vettura li ntuzat, minn fejn u kif inkisbet din il-vettura u finalment anke jaghti dettalji ta' oggett wiehed li kien jifforma parti mir-*res furtiva*. Fil-fatt il-hallelin jaslu fuq il-post permezz ta' vettura Kia Avella, armati b'senter li kellu l-kanna maqtugha u *revolver*, lebsin balaclavi u ngwanti tas-suf.

**50**. Illi biex jirribatti ghal dawn il-provi tal-Prosekuzzjoni, l-appellant, ghalkemm kellu d-dritt ghas-silenzju skont il-ligi, madanakollu jirrinunzja ghal dan il-jedd u jiehu l-pedana tax-xhieda. Ghalkemm l-appellant fuq il-pedana jichad kategorikament l-involviment tieghu fil-kummissjoni tar-reat, madanakollu ***the absence of testimony or explanation from the accused may***

***legitimately enable a court or jury to infer that the prosecution evidence is correct and that the accused has no answer to it*.**[5]

**51**. Dan ghaliex l-akkuzat ghandu l-obbligu li jipprova l-innocenza tieghu sal-grad tal-probabbli. Dan jista' jaghmlu kemm permezz tat-testimonjanza tieghu, kif ukoll permezz tax-xhieda li jressaq jew semplicement permezz tal-kontro-ezami tax-xhieda tal-prosekuzzjoni u tas-sottomissjonijiet li jaghmel. Jaghzel liema triq jaghzel, madanakollu l-akkuzat irid jilhaq il-grad tal-prova mehtiega minnu fil-kamp penali sabiex jipprova ixejjen il-provi li tressaq il-Prosekuzzjoni.

**52.** Issa f'dan il-kaz meta l-appellant kien rinfaccjat bl-identifikazzjoni maghmula mill-vittma u zewg konfessjonijiet extra-gudizzjarji maghmula fix-xiehda ta' tnejn min-nies li jghidu dak li qerr maghhom l-appellant dwar l-involviment tieghu f'din is-serqa, hu jaghzel li jiehu l-pedana tax-xhieda biex jipprova jxejjen dawn il-provi sal-grad tal-probabbli. Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-appellant ma rnexxielux jaghmel dan. Din il-Qorti kellha okkazjoni mhux biss taqra d-deposizzjoni tal-appellant, izda ukoll semghet ir-registrazzjoni tax-xiehda tieghu.

**53**. Tul id-deposizzjoni tieghu l-appellant jibqa' jishaq l-innocenza tieghu, jibqa' jsostni illi huwa ma kienx prezenti fuq ix-xena tar-reat, jibqa' jinsisti illi kemm Shepherd kif ukoll Mark Anthony Ellul kienu qed jigdbu fuqu u dan sabiex jibbenefikaw minn riduzzjoni fil-piena li kienu ser jircevu mill-qorti fuq kazijiet ohra. Dwar Shepherd jishaq illi dan kien qed jaghmilha bhala tpatija talli huwa

[5] www.inbrief.co.uk/court-proceedings/turnbull-guidelines

kien kixfu fuq xi kaz iehor. Madanakollu l-appellant baqa` ma ressaqx l-icken prova li ssostni l-innocenza tieghu. Mhux biss ma jaghti l-ebda dettall dwar fejn kien jinsab fil-lejla ta' bejn il-11 u t-12 ta' Awwissu 2008, izda lanqas iressaq provi ohra, permezz ta' xi *alibi*, per ezempju, li jistghu jindikaw illi huwa ma setax kien prezenti fuq ix-xena tar-reat ghaliex kien x'imkien iehor.

**54**. Illi rinfaccjat b'dawn il-provi allura ma kienx bizzejjed ghall-appellant li jghid li ma kellux x'jaqsam ma' dan il-kaz minghajr ma jressaq provi sabiex isostni dak dikjarat minnu. Lanqas ma jipprova jaghti spjegazzjoni ghaliex zewg persuni li jidher illi kien jafhom sew peress illi kienu midhla fic-cirku ta' kriminali li kien parti minnha, kellhom jivvintaw storja fuqu. Ighid biss li wiehed ried ipattihielu ghaliex hu kien kixfu fuq kaz iehor u l-iehor ghaliex ighid illi dan kien ser jibbenefika minn riduzjoni fil-piena fuq kazijiet ohra li kellu bl-assistenza li huwa ghadda lill-pulizija fuq dan il-kaz. Issa ghalkemm jista' jkun minnu illi dawn kienu il-mottivi wara l-informazzjoni li Shepherd u Mark Anthony Ellul taw lill-pulizija fuq dan il-kaz, madanakollu b'daqshekk dan ma jfissirx necessarjament illi l-informazzjoni moghtija minnhom ma kenitx veritiera.

**55**. Fuq kollox l-artikolu 638(1) tal-Kodici Kriminali jipprovdi hekk: "*Bhala regola, ghandu jitqies li tingieb il-prova l-aktar shiha u sodisfacenti illi l-kaz ikun jaghti, u li ma jithalla barra l-ebda xhud li x-xhieda tieghu tkun importanti*", regola li ghandha tapplika bl-istess qies kemm ghall-prosekuzzjoni kif ukoll ghad difiza, b'dan ghalhekk illi ghalkemm l-persuna akkuzata ghandha d-dritt ghas-silenzju u mhijiex obbligata tipprova xejn, madanakollu jekk taghzel li trid taghmel xi prova, anke permezz tax-xiehda taghha, allura fil-konfront tal-akkuzat

ghandhom japplikaw dawk ir-regoli kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-apprezzament tal-provi. L-akkuzat allura ghandu jipprova dak allegat minnu **sal-grad tal-probabbli** u jekk dan il-grad tal-prova ma jilhqux allura jkun qed ixejjen dak minnu allegat. Fil-fatt s-subartikolu (2) ta' l-artikolu 634 tal-Kodici Kriminali jipprovdi testwalment: "*Id-disposizzjonijiet tal-ligi dwar ix-xhieda jghoddu ghall-imputat jew akkuzat li jaghti x-xiehda tieghu taht gurament*"

**56**. Id-difiza tikkontendi illi lanqas l-provi forensici ma kienu jorbtu lill-appellant mal-kummissjoni tar-reat u kwindi ladarba dina l-prova kienet nieqsa, il-provi cirkostanzjali ma kenux univoci u kien hemm nieqsa holqa fil-katina tal-evidenza. Illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma` dina il-linja difensjonali ghaliex b'daqshekk ma jfissirx illi ma jistax ikun hemm provi oħra li huma kapaċi jwasslu sal-grad meħtieġ biex il-prosekuzzjoni tipprova l-każ tagħha fil-konfront ta' l-appellant. Hekk gara f'dan il-kaz. Din il-Qorti tqis illi il-provi diretti kif ukoll il-konfessjonijiet extra-gudizzjarji li ghamel l-appellant jippontaw lejn ir-reita'. Dawn il-provi huma sorretti minn rizultanzi forensici fosthom il-feriti li garrab il-vittma li huma kompatibbli mad-daqqiet li jsostni li rcieva fl-aggressjoni li garrab, il-filmati tac-CCTV li jikkombacjaw mar-rakkont li huwa jaghti inkluz allura il-hin li sehhet l-aggressjoni, it-tul taghha u anke n-numru tal-aggressuri u l-istatura fizika taghhom. Illi maghdud ma' dan, imbaghad hemm id-dettalji moghtija fix-xiehda ta' Mark Anthony Ellul u Christopher Shepherd dwar dak li stqarr maghhom l-appellant li sehh fil-lejla tal-kummissjoni tar-reat, liema dettalji huma ukoll sorretti mill-provi forensici u x-xiehda tal-vittma.

**57.** L-appellant iqerr is-segwenti fatti ma` Shepherd u Vella :

i. Jaghti dettalji tal-vettura uzata u minn fejn giet misruqa minnu.

ii. Isemmi l-fatt illi l-vittma gie moghti l-pilloli.

iii. Il-fatt illi hu flimkien mal-malviventi l-ohra kienu dahlu fir-residenza tal-vittma permezz ta'cavetta li kienu kisbu minghand konoxxent tal-vittma.

iv. Ic-curkett tad-djamanti li nsteraq u li huwa jaghti deskrizzjoni tieghu lil Shepherd bhala wiehed kwadru.

v. Il-fatt illi l-malviventi kienu kwazi nqabbdu fil-fatt.

vi. Il-hin li damu biex ikkomettew ir-reat li kienu twil tant illi lahaq fetah il-bar li jinsab vicin ir-residenza tal-vittma.

vii L-ghodda u l-armi li jintuzaw fil-kummissjoni tar-reat huma simili ghal dawk murija lil Shepherd lura f'April 2008 (b'mod partikolari s-senter uzat fir-reat)

Ghalhekk dak li d-difiza tqis bhala inkonsistenzi u kontradizzjonijiet fil-provi fil-fatt ma jezistux.

**58**. Id-difiza tilmenta ukoll illi anke ir-*revolver* li gie esebiet in atti ma kienx l-istess wiehed li ntuza fil-kummissjoni tad-delitt. Illi mhuwiex kontestat illi l-arma tan-nar u cioe' r-*revolver* li gie esebiet ma kienx l-istess wiehed uzat fil-kummissjoni tar-reat, madanakollu l-ebda wiehed mix-xhieda li xehdu dwar din l-arma ma stqarru li din kienet l-istess wahda, fosthom il-vittma stess li jghid li r-*revolver* kien simili imma ma setax jidentifikah bhala l-istess wiehed. Anke Jason Galea, ix-xhud li ressqet il-Prosekuzzjoni li kien ma' l-appellant meta dan talbu biex ibieghlu *revolver* li kien fil-pussess tieghu, ma setax jidentifikah bhala l-istess wiehed, izda ighid li kien simili tieghu. Kemm il-vittma kif ukoll Jason Galea

jikkontendu illi din l-arma kienet ta` kulur griz fil-fidda u mhux sewda bhal dik esebita in atti.

**59**. Illi anke fir-rigward tal-*identification parade* u *voice recognition parade*, ghalkemm huwa minnu illi meta saret l-*identification parade,* il-vittma ndika lil certu wiehed Paul Kavanaugh, madanakollu baqa` jinsisti li ma kienx cert minn din il-persuna ghalkemm bhala statura u kulur tal-ghajnejn, l-aggressur tieghu kien jixbhu. Fuq kollox fiz-zmien meta saru dawn iz-zewg ezercizzji ta' identifikazzjoni, l-appellant ma kienx jifforma parti minnha ghaliex sa dak iz-zmien ma kienx ghad waqa' suspett fuqu mill-pulizija.

**60**. Finalment il-Qorti qieset bir-reqqa il-kwistjoni dwar l-allegata "*lisp*" fil-vuci tal-appellant li dwarha qamet kontroversja mill-mument li gew varati l-proceduri fl-Istruttorja. Ibda biex il-vittma dejjem sahaq illi wiehed mill-aggressuri, li aktar tard jidentifikah bhala l-appellant, kellu '*lisp*' fil-vuci tieghu meta dan ikun fi stat ta' agitazzjoni u *stress*. Dan mal-ewwel jistqarru mal-Ispettur Joseph Mercieca, kif jirrizulta mix-xiehda tal-istess Spettur. Fil-fatt jinnota il-mod kif l-appellant jippronunzja l-ittra "S" fid-diskors tieghu tant illi waqt seduta li saret quddiem il-Qorti Istruttorja meta l-appellant jindirizza is-sede bil-kliem "*Sur Magistrat*", il-vittma li kien prezenti dak il-hin mill-ewwel gharaf il-vuci bhala wahda minn tal-aggressuri tieghu. Il-Qorti Istruttorja ghaddiet ghall-hatra ta` tlett esperti "*speech therapists*" li xehdu fil-kors tal-guri, fejn kienu tal-fehma illi l-appellant ma kellu ebda difett fil-mod kif jitkellem u ma kienx ibati mill-hekk imsejjah "*lisp*" fejn l-ittra "S" tigi ipprounzjata bhala "TH".

**61**. Issa kif diga` nghad din il-Qorti semghet ir-registrazzjoni tax-xiehda tal-appellant fejn huwa evidenti illi meta l-appellant ilissen l-ittra "S" din kultant tohrog b'iktar enfazi mill-ittri l-ohra fil-kelma li jghid u kultant ukoll tehillu fid-diskors. Tinnota allura illi ghalkemm dan ma jistax jigi deskritt bhala difett fil-kliem mitkellem, madanakollu il-mod kif f'xi partijiet mix-xiehda tigi mlissna l-ittra "S" mill-appellant, din tinstema' differenti mill-ittri l-ohra mitkellma, b'mod specjali f'dawk l-istanzi fejn jinstema` li qed jeccita ruhu. Dan fil-fehma tal-Qorti allura jirrendi dak mistqarr mill-vittma ghal kollox verosimili u attendibbli dwar il-mod partikolari kif jitkellem l-appellant iktar u iktar meta ikun f'mumenti ta' agitazzjoni.

**62**. Illi allura ezaminati mill-gdid l-atti, m'hemmx dubju li l-kwistjonijiet kollha rilevanti ta' apprezzament ta' fatt ġew posti għall-konsiderazzjoni tal-ġurati li kienu liberi l-ħin kollu, u ġew diretti f'dan is-sens mill-Imħallef li ppresjeda l-guri, illi jivvalutaw il-provi kollha miġjuba. "Issa, wara deliberazzjoni dwar dak kollu li nġab a konoxxenza tagħhom tul il-ġuri, wara eżami u kontro-eżami tax-xhieda, wara li kellhom l-opportunita` iqisu "l-imġieba, il-kondotta u l-karattru" tax-xhieda, u "tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda", u "jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ" (artikolu 637 tal-Kap. 9), wara li semgħu s-sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni u tad-difiża, u l-indirizz ta' l-Imħallef li ppresjeda l-ġuri, il-ġurati waslu għall-konklużjoni li kellhom isibu ħtija skont il-Kapi kollha ta' l-Att ta' Akkuża[6]", konkluzjoni li legalment u fattwalment, fil-fehma ta' din il-Qorti setghu jaslu ghaliha.

---

[6] Ir-Repubblika ta' malta vs David Zerafa – App.Sup.

**Ghaldaqstant ghal motivi kollha hawn fuq migjuba dan l-aggravju marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud.**

**Ikkunsidrat :**

**63.** Illi lejn it-tmiem tar-rikors tal-appell tieghu, l-appellant ihejji elenku bhala riassunt tal-ilmenti tieghu bl-ewwel wahda tkun dik tal-apprezzament tal-provi li dwarha jamplifika fil-korp tar-rikors. Dan l-ilment huwa marbut mat-tielet ilment fejn ighid illi l-verdett milhuq kien wiehed "*unsafe and unsatisfactory*". Izda fl-ilment li jindika bin-numru '2' huwa jallega illi fil-kors tal-guri sehhew bosta zbalji w rregolaritajiet procedurali b'tali mod li l-imputat ma kellux smiegh xieraq. Il-Qorti madanakollu ma gietx iggwidata biex tindaga fejn sehhet din l-allegata rregolarita' jew zball jew inkella fejn l-appellant seta' ma kellux smigh xieraq. Donnu jilmenta illi huwa ma rceviex trattament ugwali minhabba l-fatt illi hu u l-vittma gejjien minn klassi socjali differenti. Illi bir-rispett kollu lejn l-abbli difensuri tal-appellant, dan l-ilment jirrazenta il-fieragh. Illi, kif diga` inghad, din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-atti kollha tal-kawza, semghet sahansitra ix-xiehda tal-appellant moghtija fil-kors tal-guri minn fejn johrog illi t-trattament lilu moghti mill-Imhallef li ppresjeda l-guri kien wiehed impekkabbli fejn dejjem indirizza lill-appellant b'kortesija u anke kemm il-darba wissa lill-prosekutur dwar il-mod kif kien qed isir il-kontro-ezami, sabiex b'hekk l-appellant fl-ebda hin ma sofra pregudizzju - la legalment u lanqas fattwalment. Bl-istess qies l-Imhallef ikkontrolla lill-vittma tul id-deposizzjoni tieghu fejn waqqfu kemm-il darba meta kien tal-fehma illi kien qed jinoltra ruhu fir-relm tal-

opinjonijiet minflok tal-fatti. Finalment anke fl-indirizz, l-Imhallef li ppresjeda l-guri espona bl-istess qies it-tezi tal-Prosekuzzjoni u l-linja tad-Difiza biex b'hekk il-gurati kienu ben diretti sabiex jaslu ghall-konkluzjonijiet taghhom hielsa minn kull pregudizzju u fondati unikament fuq il-fatti u l-provi.

**Kwindi anke dan l-ilment ma jisthoqqlux akkoljiment u qed jigi michud.**

**Ikkunsidrat :**

**64**. Illi fil-kors tas-sottomissjonijiet orali maghmula quddiem il-Qorti, l-appellant jilmenta finalment illi l-Imhallef li ppresjeda il-guri ma spjegax sewwa lill-gurati l-livell tal-prova mehtieg fil-kamp penali kemm mill-prosekuzzjoni kif ukoll mid-difiza. Illi anke dan l-ilment huwa frivolu. Illi minn ezami tal-indirizz jirrizulta kjarament illi l-Imhallef spjega ghal aktar minn darba u fid-dettal il-gradi tal-prova fil-kamp penali. Mhux biss izda jaghti diversi ezempji lill-gurati dwar kif ghandhom jaslu ghal grad tal-prova mehtiega minn kull wiehed mill-partijiet[7].

**Dan l-aggravju ghalhekk qed jigi ukoll michud.**

**Ikkunsidrat :**

**65**. Finalment l-appellant jitlob lil din il-Qorti sabiex timponi piena aktar ekwa u gusta minghajr ma jindika motivazzjoni wahda li jista' iwassalHa titbieghed

[7] Ara indirizz a fol. 311 kif ukoll a fols.323,324,325 u 326

mid-diskrezzjoni ezercitata mill-Ewwel Qorti meta giet biex tikkalibra l-piena fil-konfront tal-appellant.

**66.** Illi l-Ewwel Qorti sejset id-decizjoni taghha fuq is-segwenti konsiderazzjonijiet :

> **"1. L-ewwelnett ghalkemm il-vot ma huwiex unanimu huwa wieħed qawwi ħafna ta' sebgħa bi tnejn.**
>
> **2. Il-mod kif sar dan is-serq kien wiehed li jhasseb hafna lil kull cittadin illi jrid ikollu rasu mistrieha li malli jidhol id-dar mhux ser isib lil xi hadd li jattakkah. Li tidhol f'darek wara jum ta' hidma u ssib fuqek tliet persuni mghammda fil-hinijiet l-aktar perikoluzi ta' bil-lejl hija esperjenza terribbli. Aktar aghar minn hekk li tkun aggredit u taqla' fuqek numru ta' daqqiet, li wahda minnhom thalli sahansitra ghadma miksur f' wicc il-vittma. Ma' dan il-Qorti qed izzid ukoll illi min jaqa' vittma ta' dawn ic-cirkostanzi, l-effett psikologiku fuqu jibqa' miegħu għal ħafna zmien wara.**
>
> **Għalhekk waqt illi l-Qorti tapprezza li dak li jkun, ikun tbiddel, ma tistax ma tqisx ic-cirkostanzi koroh ħafna ta' dan il-kaz. Fuq kollox is-socjeta' għandha tkun protetta minn kwalunkwe forma ta' serq aktar u aktar li jkollu stil ta' dan il-kaz.**
>
> **3. Il-fedina penali tal-akkuzat hija wahda inkwetanti tant li wkoll wara li wettaq dan id-delitt kien involut f'reati oħra ta' serq.**
>
> **4. Li huwa recidiv."**

**67**. Issa f`materja ta' piena l-prinċipju regolatur huwa li mhijiex in-norma li din il-Qorti li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti fl-għoti tal-piena sakemm din ma tkunx toħroġ barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inflitta.[8] Din il-Qorti fil-fatt tistqarr illi m`ghandha xejn x'izzid mal-konsiderazzjonijiet ghaqlija u dettaljati li saru mill-Ewwel Qorti meta giet biex tikkalibra l-piena, wara li qieset sewwa s-sottomissjonijiet li ghamlu z-zewg nahat, piena li *del resto* taqa' sewwasew fil-parametri tal-ligi.

**Ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-Qorti qeghda taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma l-verdett u s-sentenza appellata fl-intier taghhom.**

[8]Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et, 2 ta' Ottubru 2002; Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano, 13 ta' Novembru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella, 14 ta' Gunju 1999; Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina, 24 ta' April 2003.